## 31 ta' Mejju, 1995

## Imħallef:-

## Onor. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D.

Alfred Bugeja

*versus*

Joseph Borg *noe*

**Mandat ta' Impediment ta' Safar - Artikoli 866, 867 u 868 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili - Garanzija għall-Ħlas ta' Penali, Danni u Imgħaxijiet - Ċitazzjoni - Nullita` ta'**

*Sentenza riportata anke għal raġunijiet ta' kompjetezza tal-kronaka tal-prassi ġudizzjarja fis-sens illi l-artikoli tal-Kodiċi in kwistjoni ġew sostitwiti kif ukoll il-mandat ta' impediment ta' safar kontra persuna ġenerali ġie abrogat. Din is-sentenza iddisponiet mill-eċċezzjoni ta' nullita` għaliex ġie eċċepit illi fil-premessi u t-talbiet ġie indikat kellu jiġi indikat li l-konvenut* nomine *hareġ il-mandat ta' impediment tal-*

*partenza malizzjożament.*

*L-artikolu 868 ta' l-antik Kodiċi ta' Proċedura kien jipprovdi t-talba għall-garanzija għall-ħlas ta' danni-penali kienet marbuta ma' "raġuni tajba" u mhux tali raġuni ma kinitx marbuta tant ma' investigazzjoni jekk il-mandat ikunx ġie ottenut b'qerq jew inġustament daqskemm fil-possibbilita' reali li min ikun ottjena l-ħruġ tal-mandat ta' impediment ma jkunx f'posizzjoni li jagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali, danni u mgħaxijiet li l-impedut eventwalment ikun intitolat għalihom mingħandu. F'dan il-kuntest l-artikolu kien jagħti fakolta' lill-Qorti jekk jidhrilha xieraq wara li tingħata raġuni tajba - li tipprovdi lill-impedut b'miżura ta' protezzjoni kontra l-abbuż fl-użu tal-mandat ta' impediment ta' safar u dan billi jissalvagwardja lill-impedut tramite garanziji adegwati għall-ħlas ta' penali, danni u mgħaxijiet li għalihom jista' jkun intitolat.*

*Il-Qorti ma rravviżat ebda nullita' fit-termini ta' kif redatta ċ-ċitazzjoni.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur ippremetta:

"Illi l-konvenut *nomine* ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' impediment kontra persuna numru 2557/94 fil-konfront ta' l-attur, liema mandat ġie ppreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti;

Illi l-attur huwa persuna ta' ċittadinanza Maltija, bil-familja kollha tiegħu toqgħod hawn Malta u li għandu interess sħiħ f'kummerċ sostanzjali li jiġi eżerċitat f'Malta;

Illi inoltre l-attur ikollu bżonn li jisiefer minn żmien għal żmien minħabba li huwa importatur sabiex jinnegozja mal-prinċipali tiegħu

kif ukoll sabiex iwessa l-iskop tan-negozju tiegħu;

Talab li din il-Qorti:

*Ai termini* ta' l-artikolu 868 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili tordna lill-konvenut *nomine* li jġib fi żmien qasir u perentorju, li jiġi ffisat minn din il-Qorti, garanzija tajba għall-ħlas tal-penali, danni u l-imgħaxijiet;

Fin-nuqqas tordna t-tħassir ta' l-imsemmi mandat ta' impediment ta' partenza, *kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq* premessi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut *nomine*";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li bih eċċepixxa:

"Illi d-domandi attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante *li ċ-ċitazzjoni odjerna hija nulla peress illi fil-premessi u t-talbiet* kellu jiġi indikat li l-konvenut *nomine* ħareġ il-mandat ta' impediment ta' partenza malizzjożament biex tkun tista' ssir it-talba għall-ħlas tal-penali, danni u mgħaxijiet, ħaġa li hija mankanti fiċ-ċitazzjoni;

Illi t-talba għall-ħruġ tal-garanzija hija sussegwenti għall-investigazzjoni magħmula mill-Qorti kompetenti illi l-mandat ta' impediment ta' partenza jkun ħareġ malizzjożament u dan a tenur ta' l-artikolu 866 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura

Ċivili;

Illi fil-meritu u bla preġudizzju għall-premess fil-każ odjern il-mandat ta' impediment ta' partenza 2557/94 ħareġ mill-konvenut *nomine* kontra l-attur stante illi huwa debitur tiegħu fis-somma ta' ċirka Lm50,000 danni, liema danni diġa' ġew ippruvati quddiem il-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Borg *nomine* *vs* Victor Gauci *et nomine*** deċiża fis-6 ta' Lulju, 1993 favur il-konvenut *nomine*. Illi in segwitu ta' din is-sentenza l-konvenut *nomine* ħareġ mandat ta' impediment ta' partenza odjern u segwih b'ċitazzjoni u dan fejn talab il-kundanna għall-ħlas tad-danni likwidati għall-perijodu bejn is-26 ta' Settembru, 1987 sas-27 ta' Diċembru, 1993 għall-okkupazzjoni tal-fond, 70 Triq Sant'Antnin, Buġibba;

Illi l-mandat ta' impediment ta' partenza huwa altru mhux frivolu u vessatorju imma impellenti li jinħareġ kontra l-konvenut li għandu jġib garanzija hu għar-revoka ta' l-istess mandat u dan a tenur ta' l-artikolu 830 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Salv eċċezzjonijiet oħra";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda tal-konvenut *nomine*;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal ta' l-24 ta' Frar, 1995 li bih il-Qorti ħalliet il-

kawża għas-sentenza fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Il-fatti kif iddikjarati mill-attur huma dawn:

Il-konvenut *nomine* ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' impediment tas-safar kontra tiegħu (numru 2557/94);

L-attur hu persuna ta' ċittadinanza Maltija, bil-familja kollha toqgħod hawn Malta u li għandu interess sħiħ f'kummerċ sostanzjali li jiġi eżerċitat f'Malta;

L-attur ikollu bżonn li jsiefer minn żmien għal żmien peress li huwa importatur sabiex jinnegozja mal-prinċipal tiegħu u (sabiex iwessa l-iskop) tan-negozju tiegħu;

Importanti t-talbiet ta' l-attur immotivati b'dawn il-premessi. Hu qed jitlob li *ai termini* ta' l-artikolu 868 tal-Kapitolu 12 din il-Qorti tordna lill-konvenut *nomine* li jipproduċi fi żmien stabbilit garanzija tajba għal-ħlas tal-penali, danni u mgħaxijiet. Fin-nuqqas il-Qorti għandha tawtorizza l-ħruġ tal-kontro-mandat għaż-żamma tal-partenza ta' l-attur;

L-azzjoni attriċi hi **espressament** ibbażata fuq dan l-artikolu li jipprovdi illi "il-Qorti tista', **meta tinġieb raġuni tajba** fuq talba b'ċitazzjoni magħmula mill-persuna li kontra tagħha ... ikun ġie maħruġ il-mandat, tordna lill-parti l-oħra li ġġib fiż-żmien li jiġi mogħti mill-Qorti, garanzija tajba għal **ħlas tal-penali u tad-danni u l-imgħaxijiet** f'somma stabbilita ta' iżjed minn Lm250, barra mill-penali u fin-nuqqas ta' dan, tħassar il-mandat";

Dan l-artikolu hu marbut ma' żewġ artikoli preċedenti numri 866 u 867. L-ewwel wieħed jipprovdi għall-ħlas ta' penali f'każ li l-mandat ta' impediment tas-safar "ikun ġie miksub mir-rikorent **fuq talba magħmula b'qerq**". It-tieni wieħed jipprovdi illi fil-każijiet kollha li fihom mandat simili jiġi ddikjarat **bħala li ġie miksub inġustament**, il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-mandat tista' tiġi mġiegħla tħallas id-danni u l-imgħaxijiet;

Il-konvenut *nominc* jeċċepixxi illi t-talba għall-ħruġ tal-garanzija mitluba mill-attur hija sussegwenti għall-investigazzjoni illi l-mandat ta' impediment tas-safar ikun ħareġ **malizzjożament**. Dan mhux għal kollox korrett in kwantu għalkemm hu minnu l-artikolu 866 (1) jallaċċja din il-penali mal-fatt li l-mandat ikun ippruvat li nħareġ b'qerq, mhux l-istess jista' jingħad għall-ħlas ta' danni u mgħaxijiet illi fir-rigward tagħhom hu bizżejjed li l-mandat ikun ġie ottenut "**inġustament**". F'din it-tieni eventwalita' mhijiex meħtieġa l-prova tal-qerq u xorta l-Qorti, jekk tinġieb raġuni tajba tista' titlob li tingħata garanzija adegwata;

Dan ifisser illi l-artikolu 868 li tiegħu l-attur qed jitlob l-applikazzjoni jista' jiġi mill-Qorti applikat kemm b'mod li tesiġi li tingħata garanzija kemm fil-każ meta l-impediment ikun allegat li ġie ottenut b'qerq kif ukoll jekk ikun allegat li ġie ottenut inġustament. F'kull każ pero' l-attur irid neċessarjament jippremetti illi kien hemm "raġuni tajba" li kellha tikkonvinċi lill-Qorti li tirrevoka l-mandat. Raġuni tajba mmotivata **jew** bil-qerq **jew** bl-inġustizzja;

Hu veru li eżami akkurat ta' l-att taċ-ċitazzjoni anke l-aktar favorevoli għall-attur bl-ebda mod ma jwassal lill-Qorti biex tifhem illi l-attur qed javvanza xi raġuni ta' qerq jew inġustizzja fil-ħruġ

ta' mandat li qed jitlob ir-revoka tiegħu. M'hemm xejn mill-premessi illi jallegaw li l-mandat ħareġ b'mod malizzjuż jew inġustament bi ħtija tal-konvenut *nomine* f'ċirkostanzi li setgħu jirrenduh passibbli għall-ħlas ta' penali, danni jew imgħaxijiet skond il-liġi;

Mill-banda l-oħra mhijiex korretta s-sottomissjoni tal-konvenut *nomine* illi t-talba għall-ħruġ tal-garanzija "hija sussegwenti għall-investigazzjoni magħmula mill-Qorti kompetenti illi l-mandat ta' impediment ta' partenza ikun ħareġ malizzjożament". Mhix dan l-iskop tas-sub-inċiż (1) ta' l-artikolu *866. Infatti hu ċar illi kieku hekk kien rikjest li l-Qorti tinvestiga* jekk il-mandat ikunx ġie ottenut malizzjożament, il-konsegwenza ma tkunx li min ikun hekk ottjena l-mandat jiġi ordnat li jipprovdi garanzija imma ċertament li l-mandat jiġi minnufih revokat. Dan apparti li kif ingħad il-garanzija tista' tiġi mitluba anke għall-**<u>eventwalita'</u>** li jirriżulta li l-mandat inħareġ inġustament;

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti għall-konklużjoni illi meta l-artikolu 868 jesiġi li l-garanzija **<u>tista'</u>** tingħata biss meta tinġieb raġuni tajba tali raġuni mhijiex marbuta tant ma' investigazzjoni dwar jekk il-mandat ikunx ġie ottenut b'qerq jew inġustament (għalkemm l-indikazzjonijiet negattivi *prima facie* dwar dawn jistgħu jinfluwenzaw fuq id-deċiżjoni tal-Qorti) daqskemm fuq il-possibbilita' reali li min ikun ottjena l-ħruġ tal-mandat ta' impediment ma jkunx f'posizzjoni li jagħmel tajjeb għall-ħlas tal-penali, danni u mgħaxijiet li l-impedut eventwalment ikun intitolat għalihom mingħandu. F'dan il-kuntest l-artikolu jagħti lill-Qorti l-fakolta' - jekk jidhrilha xieraq wara li tingħata raġuni tajba - li tipprovdi lill-impedut b'miżura ta' protezzjoni kontra l-abbuż fl-użu tal-mandat ta' impediment ta' safar sal-lum leġittimu u dana billi jissalvagwardja lill-impedut tramite garanziji adegwati l-ħlas

tal-penali, danni u mgħaxijiet li għalihom jista' jkun intitolat. Dana **wara** li l-Qorti tkun epurat u ddeterminat il-pretensjoni tal-kreditur **fil-meritu**;

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma tirravviża l-ebda nullita` fit-termini ta' kif ġiet redatta ċ-ċitazzjoni, anke jekk kien ikun awspikabbli kif fuq ingħad illi jiġi fiha premess jekk l-attur kienx jippretendi li l-mandat *de quo* kienx fi-fehma tiegħu ġie ottenut b'qerq jew inġustament;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-konvenut u tiddifferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni fil-meritu.